MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 409/2003

**Philip Pace & Sons Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn u disa' mitt Lira Maltin (LM2,900.00,0) rapprezentanti in kwantu ghal elfejn u sitt mitt Lira Maltin (LM2,600.00,0) prezz ta' cold room u mutur lilu mibjugh skond *sales contract* datat 14 ta' Dicembru tas-sena 2001 u in kwantu ghal tlett mitt Lira Maltin (LM300.00,0) prezz ta' tiswijiet li saru mis-socjeta' attrici fuq mutur fuq inkarigu tieghu;**

**Bl-imghax legali mill-14 ta' Dicembru tas-sena 2001 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Novembru tas-sena 2002 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Novembru 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------